**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 393/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Aquilina**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Aquilina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 126970M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli, fil-lejl bejn it-18 u id-19 ta' Marzu 2010 u fil-ġranet ta' qabel, f'dawn il-gżejjer Maltin:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornita lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur

tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu.

2. Talli kkometta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr C. Stafrace Zammit LLD nhar l-1 ta' Frar 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru 2023, fejn wara li rat l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 4 u 9 tal-Liġi Sussidjarja 101.2 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Joseph Aquilina ħati tal-ewwel akkuża talli kellu fil-pussess tiegħu mingħajr awtorizzazzjoni skond il-liġi tad-droga erojina u tal-pillola ecstasy u kkundanatu multa ta' elf Ewro (Ewro 1000) li ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandha titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (Ewro 100) fix-xahar. F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fl-1 ta' Settembru 2023, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi kkonvertit fi priġunerija skond il-liġi. *In oltre*, il-Qorti ma sabitux ħati tat-tieni akkuża dedotta kontrih u allura lliberatu minnha fuq nuqqas ta' provi. Finalment, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9 Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat iħallas ħames mija u ħamsin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€550.35c) bħala spejjez peritali lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali fi żmien tlett xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant, Joseph Aquilina, ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2023, fejn talab lil din l-Qorti:

a) Tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara li s-sentenza appellata hija nulla u konsegwentement tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant ma jiġix imċaħħad mid-*doppio esame*; jew
b) Tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni mputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija.

Rat li nhar it-8 ta' Marzu 2024 – "*Il-partijiet jiddikjaraw illi għalkemm l-Imħallef sedenti f'dan l-appell kienet semgħet parti mix-xhieda lura meta kienet tokkupa l-kariga ta' Maġistrat,*

*quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ma għandhom ebda oġġezzjoni li dan l-appell jiġi minnha deċiż".*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni limitatament fuq l-ewwel erba' aggravji sollevati mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Qorti ma tistax ma tosservax qabel kull konsiderazzjoni dwar l-ewwel erba' aggravji kontenuti fir-rikors ta'l-appell, illi s-sentenza appellata ma tagħmilx sens meta imqabbla mal-imputazzjonijiet addebitati lill-appellant, bil-parti deċiżorja tagħha titratta reati li dwarhom l-appellant ma kienx mixli u b'termini konċessi għal ħlas tal-multa inflitta imorru lil hinn mid-data tas-sentenza.

Dawn l-ineżatezzi fis-sentenza appellata, fil-fatt, jifformaw il-bażi tal-ewwel erba' lanjanza imressqa mill-appellant, u dan meta jilmenta illi huwa qatt ma seta' jinstab ħati tar-reat tal-pussess sempliċi tad-droga erojina meta fil-fatt kien interċettat mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta fil-pussess tad-droga kokajina. Kif lanqas seta' jinstab ħati, jilmenta fit-tieni aggravju, tal-pussess tal-mediċina psikotropika u ristretta hekk imsejħa '*ecstasy*' meta huwa qatt ma kien mixli b'dan ir-reat. Jikkritika s-sentenza appellata wkoll, fit-tielet aggravju, fejn din ikkonċedietlu żmien għal ħlas tal-multa inflitta li kellu jibda jiddekorri mill-1 ta Settembru 2023 meta is-sentenza kienet prolatata fil-25 ta' Otturbu 2023. Finalment jilmenta illi s-sentenza hija nulla ukoll għaliex hija waħda ambigwa, ma hijiex ċara fil-parti deċiżorja u dan meta tgħid li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni li kienet titratta il-pussess aggravat tad-droga, meta jirriżulta mill-konsiderazzjonijiet tagħha, illi l-Ewwel Qorti kienet qed issib ħtija unikament għar-reat tal-pussess sempliċi ta' droga. Mhux biss iżda imbagħad meta tiġi biex tiċċita id-diżposizzjoni tal-liġi li jikkontempla r-reat li dwaru kienet qed tinstab il-ħtija, l-Ewwel Qorti tindika l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet

ta' Malta u mhux l-artikolu 22(2)(b)(ii) ta'l-istess liġi, biex b'hekk hemm kontradizzjoni sħiħa bejn dak ikkunsidrat fil-korp tas-sentenza u dak dikjarat fil-parti deċiżorja. Kwindi din il-konfużjoni fis-sentenza appellata fil-fehma tal-appellant ma toffri ebda serħan il-moħħ u għandha tkun annullata.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti tistqarr mingħajr tlaqliq illi l-appellant għandu raġun fl-ilmenti kollha minnu mqanqla. Illi fil-parti deċiżorja is-sentenza appellata taqra hekk:

> **"Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 4 u 9 tal-Liġi Sussidjarja 101.2 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 8(7) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Joseph Aquilina HATI tal-ewwel akkuża talli kellu fil-pussess tiegħu mingħajr awtorizzazzjoni skond il-liġi tad-droga eroina u tal-pillola ecstasy u qed tikkundannah multa ta' elf Ewro (Ewro 1,000) li ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għandha titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (Ewro 100) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fl-1 ta' Settembru 2023, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.**
> (sottolinjar tal-Qorti)
>
> **Il-Qorti mhux qed issibu ħati tat-tieni akkuża dedotta kontrih u allura ser tilliberah minnha fuq nuqqas ta' provi."**

Dan wara li l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> **"Fil-każ odjern l-imputat twaqqaf f'roabdblock huwa u tiela' ir-Rabat Malta mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta. F'moħħ il-Qorti ma hemmx dubbju li mill-kompless tax-xhieda tal-istess membri tas-sigurta' id-droga eroina kif ukoll ecstasy kienu tal-imputat.**
>
> **...**
>
> **Affermat dan, il-Qorti ma għandix is-serħan tal-moħħ li dik id-droga kienet mhux għall-użu personali tal-imputat. Dan qiegħed jingħad għax mill-atti proċesswali jirriżulta b'mod ċar li f'dak il-perijodu u fi żmien ta' wara huwa kellu problema serja ta'droga tant li spiċċa b' ta' fuqu senduqu, ma kellux biex jitma lilu u lill-uliedu u daħal ukoll f'ċirku ta' użura.**
>
> **Tenut kont ta' dan kollu kif ukoll għal fatt li l-ammont ta' droga mhux wieħed daqstant kbir f'dak li jikkonċerna l-eroina kif ukoll li qed nitkellmu**

**fuq pillola waħda ta' ecstasy allura huwa ser jinstab ħati biss ta' pussess sempliċi."**

Issa minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta:

1. Illi l-appellant kien mixli biss bir-reat tal-pussess tad-droga kokajina f'ċirkostanzi li jindikaw li din ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.
2. Illi mir-rapport tal-espert nominat fl-*in genere* l-Ispiżjar Godwin Sammut jirriżulta illi d-droga misjuba fil-pussess tal-appellant kienet tikkonsisti fis-sustanza kokajina tal-piż ta' 6.41 grammi u b'purita' ta' ċirka 30%. Ukoll fl-estratt meħud mis-sustanza ta' lewn ħadra u kannella (u ċioe' il-pillola li kienet misjuba fil-pussess tal-appellant), <u>ma nstabitx droga</u>[1].
3. Illi s-sentenza appellata iġġib id-data tal-25 ta' Ottubru 2023.

Illi allura huwa bil-wisq evidenti illi l-appellant qatt ma seta' jkun misjub ħati dwar pussess ta'droga eroina jew tal-mediċina psikotropika u ristretta meta ma kienx mixli bil-pussess ta'l-istess. Dan apparti illi l-pillola misjuba fil-pussess tal-appellant ma kenitx ipprojbita bil-liġi u kwindi lanqas setgħet tinstab ħtija fir-rigward. Jikkonsegwi għalhekk illi l-Ewwel Qorti ma ipprounuzjatx ruħha dwar l-imputazzjoni kif addebitata lill-appellant. Mhux biss, iżda għalkemm mill-konsiderazzjonijiet jidher illi kienet qed tinstab ħtija għar-reat tal-pussess sempliċi ta' droga, madanakollu imbagħad fil-parti deċiżorja għalkemm jerġa jkun indikat illi fil-fatt kien hemm reita' għal dan il-pussess għall-użu personali, madanakollu imbagħad l-Ewwel Qorti tindika id-disposizzjoni tal-liġi li titkellem fuq il-pussess ta' droga f'ċirkostanzi li jindikaw li din ma kenitx għall-użu tiegħu. Finalment irid jingħad ukoll illi l-Ewwel Qorti lanqas ma kienet attenta meta ikkonċediet terminu għal ħlas tal-multa inflitta b'terminu li kellu jibda jiddekorri qabel id-data tas-sentenza.

Spjanati dawn il-fatti emerġenti mill-atti proċesswali huwa indubitat illi hemm nuqqas ta' aderenza b'mod assolut ma' dak li trid il-liġi fir-redazzjoni tas-sentenzi u dan meta hemm hekk dispost fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali:

---

[1] Ara rapport a fol.19 tal-process verbal eżebit in atti a fol.8

> **"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Dan għaliex r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi s-sentenza appellata hija nieqsa minn dawn l-elementi li jirrenduha għalhekk nulla u bla effett fil-liġi. Kid ingħad, hemm mhux biss sejbien ta' ħtija għal reati li ma kenux imputati, iżda ukoll indikazzjoni żbaljata tad-dispożizzjoni tal-liġi li dwarha kienet qed tinstab ħtija, b'kontradizzjoni bejn dawn l-artikoli tal-liġi u l-konsiderazzjonijiet kontenuti fis-sentenza appellata. Dan apparti b'mod sussidjarju nuqqas ta' kjarezza dwar it-terminu konċess għal ħlas tal-piena inflitta. Għaldaqstant l-ewwel erba' aggravji tal-appellant li kollha jitrattaw l-istess ilment u ċioe' in-nullita tas-sentenza appellata jistħoqqilhom akkoljiment.

Illi, in vista tas-suespost, ikun għalhekk inutli li din l-Qorti tidħol fil-mertu tal-bqija tal-aggravji mressqa mill-appellant u tqis illi l-atti għandhom ikunu rimandati lura lill-Ewwel Qorti sabiex ikun hemm deċiżjoni dwar l-imputazzjonijiet addebitati lill-appellant u ċioe' għar-reat kif mixli.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel erba' aggravji imressqa mill-appellant, tiddikjara s-sentenza appellta nulla u bla effett fil-liġi, pero' sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kaz jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skond il-liġi.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**